**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**-vs-**
**Alexander Scerri**
**detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 277068(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 675/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alexander Scerri, talli:

1. nhar id-09 ta' Lulju, 2013 għall-habta tal-11.30 ta' filgħodu, ġewwa l-lokalità tal-Marsa bi vjolenza jew b'thedid ġiegħel uffiċjali pubbliċi u cioe' lil PC 1503 David Buhagiar u PC 525 Charlton Falzon Cascun li jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom, u dan bi ksur tal-Artiklu 91 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 1503 David Buhagiar u PC 525 Charlton Falzon Cascun, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn Awtorità kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna PC 1503 David Buhagiar u PC 525 Charlton Falzon Cascun, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artiklu 95(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC 1503 David Buhagiar u ta' PC 525 Charlton Falzon Cascun skont kif iċċertifikat Dr. Tania Cardona MD (Reg. 5337) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u dan bi ksur ta' Artiklu 221, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod ieħor indaħal fid-dmirijiet tagħhom u dan bi ksur ta' Artiklu 338 (ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artiklu 8(d) tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni FBW-574 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni FBW-574 b'veloċità eċċessiva u dan bi ksur tar-Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11;

10. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi filwaqt li kien qed isuq vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni FBW-574, naqas li jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u b'hekk saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u dan bi ksur tar-Regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11;

11. u fl-ahhar talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu fl-4 ta' Mejju, 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, (Magt. Dr. C. Scerri Herrera LL.D) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imsemmi Alexander Scerri milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

> Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tad-19 ta' Lulju, 2013, sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi ma vjolenza u theddid, mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 91, 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza inqala' meta Pulizija tal-Rapid Intervention Unit, li kienu fi Triq Belt il-Hazna, l-Marsa, innutaw sewwieq li beda jsuq bi speed qawwi u b'mod perikoluz. Meta ippruvaw javvicinawh rawh agitat u kkomporta ruhu b' mod suspettuz u sahansitra rawh jarmi dak li seta' kien *joint* mill-vettura tieghu. L-imputat intalab johrog mill-vettura tieghu u kien hawn li sar aggressiv. L-ufficjali soffrew xi griehi hfief filwaqt li l-imputat rrizulta li soffra ksur fil-kustilja tal-lemin. Fil-fatt l-imputat kien allega li gie msawwat minn PC1503 li skond hu kien tah daqqtejn b'koptu fuq l-istonku. Il-pulizija li wettqu l-arrest izda sostnew li kien l-imputat li aggredixxihom peress li kien taht ordni ta' probation u ma riedx jinqabad li kiser dik l-ordni; kien ghalhekk li kellhom juzaw forza sabiex jarrestawh filwaqt li cahdu li kienu sawwtuh. Persuni li kienu f'garaxx fil-vicin u raw l-incident cahdu li raw xi abbuz gej minn naha tal-pulizija. Ic-certifikati medici esebiti juru li l-ufficjali tal-pulizija soffrew griehi hfief (RV3-5)[1] filwaqt li l-imputat kellhu bocca fuq sidru li kienet suggestiva ghall-ksur kif ukoll qasma zghira fuq l-iskutella tar-ras u hmura mal-polz.[2] Wara li ttiehed *X-ray* rrizulta li kien hemm ksur tat-tielet kustilja tal-lemin.[3]

---

[1] Fol.46-48. Ara xhieda ta' Dr Christian Zammit a fol.108 fejn ikklasifika l-griehi fuq PC1503 bhala hfief.

[2] Ara xhieda ukoll ta Dr Jurgen Vella Fol.105-6 u Dr. Tania Cardona fol.120-121.

[3] Fol.58-59, Dok. RV8-11. Ara ukoll Xhieda Dr. James Vassallo a fol.118.

Fl-istqarrija rrilaxata mill-imputat huwa ammetta li kien qed issuq b'certu speed u jaqbez il-karrozzi. Dan anke jidher minn stills esebiti a fol. 45 bhala RV2. Izid li li PC1503 kien aggressiv mieghu, lewwilu idu u beda jtih fl-istonku. Dan sehh wara li hu rema dak li qed jghid kien 'sigarett'. Ma jammettix li hu kien dak li kien aggressiv izda biss li kien qed issuq b'mod eccessiv ghax kien mghaggel.[4] Muri *joint* li allegatament kien rema' mill-vettura w irmied minn go l-ashtray tal-karozza, jghid li ma kellhux *joint* izda sigarett. Fit-tieni stqarrija tieghu[5] jirrepetti li gie msawwat billi gie maqbud minn ghonqu w anke qala' daqqiet go rasu. Mistoqsi dwar il-passat tieghu fejn kellhu diversi kundanni dwar glied u aggressjoni fil-konfront tal-Pulizija, jammetti li dan kien dovut ghall-fatt li dak iz-zmien kellhu problema tax-xorb.

Illi mir-rapport tal-Probation Officer Charisse Boffa, pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2013, in adempjenza tal-Ordni moghti ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 Ligijiet ta' Malta, mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera nhar l-4 ta' Mejju, 2011, jirrizulta li l-imputat ghalkemm gheleb il-kilba ghall-eroina u kokajina, ma kienx irnexxilu iwaqqaf l-uzu tal-cannabis. Jinghad li irrizulta pozittiv ghall-cannabis fis-6 ta' Settembru, 2013 (ftit iktar minn xahar wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri) filwaqt li rrifjuta li jissottometti ruhu ghal test iehor fil-15 ta' Novembru, hamest ijiem qabel udjenza ohra quddiem din il-Qorti.[6] Ir-rapport jindika li l-imputat ghandu problema biex jeghleb l-aggressivita` u r-rabja li tahkmu. Rapporti ohra pprezentati fil-5 ta' Frar, 2014 u fil-5 ta' Mejju, 2014 jerga jsibu lill-imputat posittiv ghall-kannabis.[7]

PC525 Charlton Falzon Cascun jixhed li hekk kif kien ma PC1503 David Buhagiar fi Trig Belt il-Hazna, l-Marsa, li kienet traffikuza hafna, nnutaw BMW Z4 li kien gej minn warajhom fuq il-**karreggjata l-ohra** u qabizhom bi speed gholi *"ghadda rih minn maghna".* Dan jinsab korroborat mir-ritratti esebiti li juru lill-BMW tinsaq fil-karreggjata li tiehu vetturi fid-direzzjoni opposta:[8] *"...t-triq ma tippermettix li taghmel overtaking u tigi ezatt go wicc tat-traffic dirett...u mar wrong side iva."*[9] Wara li saqu ghall-warajh u waqqfuh talbuh ghall-licenzja tas-sewqan u ghall-*insurance* izda l-imputat haddhom fuq demm id-dars u akkuzahom li kienu qed ikunu aggressivi mieghu, u li qed ituh *hard time* apposta. Pruvaw ifehmuh li kien gie mwaqqaf ghax qabez it-traffiku bil-kontra u ghax ghal ftit ma habbatx go vettura ohra. Qalulu li kien ghalhekk li riedu jaraw id-dokumenti tieghu u kien f'dan il-hin li rawh jipprova jaghlaq l-*ashtray* tal-vettura li kienet fil-console tan-

---

[4] Fol.51
[5] Fol.53
[6] Fol.69
[7] Fol.107; 115 – fejn din id-darba ammetta ukoll li ghamel uzu mill-kokajina.
[8] Fol.45
[9] Fol.77

nofs li fiha kien jidher *roach*.[10] Mitlub johrog mill-vettura l-imputat *"dahal idejh fl-ashtray, zamm f'idejh dan l-oggett li kien roach f'idejh maghluq ponn, fetah il-bieba hareg ghalina u kif hareg ezatt remieh u gie fejn il-fanal ta' wara tal-karozza kwazi. Bdejn nippruvaw nimmanettjawh u nghidulu biex jikkalma… ghax spicca hebb ghalijna qed inkellmuh bil-prudenza….spicca hareg b'aggressivita` kbira mill-karrozza."*[11] Il-kuntistabbli jkompli jispjega kif l-imputat mill-ewwel dar ghal fuqhom u beda jimbuttahom b'saqajh u li kull sforz taghhom biex jikkalmawh gie milqugh b'offizi lejhom fejn anke intqal kliem dispreggattiv u sahansitra ipprova jigdem lil PC1503 fuq spalltu. Tant kien inkontrollabli li PC525 jghid li biex jipprova jzommlu jdejh ghax beda jipprova jolqtu, kien qala' spalltu fis-sens li ma setghax jiddrittaha *"…. ghax hu b'sahhtu jigifieri r-ragel, u kien aggressiv immens, jaghti bis-sieq, bir-ras, bl-idejn, b'kollox….kellna nuzaw il-forza proporzjonata necessarja…..necessarja ghall-forza li kien qed juza hu….uzajna dik il-forza biex la neggghu ahna u lanqas inhallu lilu jwegga'"*[12]

Dwar id-demm li kien hiereg min rasu l-kuntistabbli jghid li meta gew il-familja tal-imputat fl-ghassa hu nstema jghidilhom li kull ma kellhu kienet ponta. Jichad li f'xi hin inghata xi daqqiet ta' sieq, minkeb jew rkoppa u jaghmel osservazzjoni li din il-Qorti tqis hi importanti *"peress li konna tnejn minn nies stajna nikkontrollawh ahjar kieku kont wahdi forsi kien ikolli nuza forza iktar milli uzajt, peress illi konna tnejn giet imqassma l-forza minn genb, il-kollega tieghi minn genb iehor biex zammejnieh u stajna nimmanetjawh."* Dan iwassal sabiex il-Qorti tasal biex tikkonstata r-resiztenza li offra l-imputat u l-attitudini aggressiva tieghu ma kienitx wahda minima.

L-incident sehh quddiem il-« White Brothers » f'post traffikuz u kien ghalhekk li l-pulizija ghamlu hilithom biex jigbdu l-imputat lejn in-naha ta' gewwa tat-triq biex hadd ma jisfa mtajjar. Jghid li malli waqqfuh l-imputat beda juza kliem mhux xieraq.[13] Izid li kif saqsieh x'kellhu fl-*ashtray* dan qabad xi haga li peress li l-vettura kienet *convertible* seta' jara sewwa x'kien, u remieh "*in a fit of rage* ". Dan holoq suspett. Kif fetah il-bieba hu gie b'girja ghall-fuq il-pulzija u dawn ippruvaw izommuh milli jaggredixxihom ghax beda jxejjer diversi daqqiet ta' ponn u bis sieq.[14] PC525 kien ra ezattament fejn waqa' l-oggett li rema' l-imputat u ghalhekk mill-ewwel mar gabru mill-art fil-presenza tieghu.[15] Dak il-hin Scerri qalhom jekk setghux jaghlqu ghajnejhom ghax kien

[10] Fol.71
[11] Fol.72
[12] Fol.73
[13] Fol.79
[14] Fol.82
[15] Fol.85

ser jispicca jikser il-*probation order* imposta fuqu. Ntqal ukoll kliem ta' theddid li l-pulizija ddecidiet li kellhu jirrispondi dwarhom quddiem Qorti peress li kien reat.[16]

PC1503 David Buhagiar jixhed li kien hu li l-ewwel niezel ikellem lill-imputat li malli gie mwaqqaf mill-ewwel gab ruhu b'arroganza u ma bediex jikkowopera. Ntqal kliem dispreggativ fil-konfront tieghu u malli gie arrestat riedu jinza n-nuccali halli wara ikun jista jpattihielu.[17] Tigi korroborata l-verzjoni li ta PC525 dwar kif qabad ir-*roach* mill-*ashtray* u rmieh u dan gie lejn in-naha ta' wara tal-vettura. Minn dak il-hin l-imputat sar aggressiv hafna u beda jidghi u jghajjat u jghidilhom li kienu ser jifthulu kaz iehor u b'hekk ikun kiser l-ordni ta' probation.[18] L-imputat sahansitra ipprova jigdmu diversi drabi hekk kif ippruvaw illibsulu il-manetti. PC1503 jixhed li l-imputat beda jaqghti bis-sieq. Jikkonferma li faccata fejn sehh l-incident kien hemm xi nies f'garaxxijiet li setghu jaraw dak li kien qed isehh.  Jichad li uza xi forza eccessiva anzi jghid li beda jersaq lura ghax l-imputat beda jaghmel is-salt biex jigdmu f'wiccu u x'hin beda jlibsu il-manetti kien girfu (dan jirrizulta anke mic-certifikat mediku) u pprova jdawwar idu f'ponn biex itih biha. Hekk kif l-imputat gholla saqajh hu ukoll gholla l-irkoppa biex jilqa' d-daqqa.[19] Fil-fatt Dr Tania Cardona tikkonferma li meta ezaminat lil PC1503 Buhagiar sabet li kellu *" bruising fuq ir-right shin. "*[20]

Jikkonferma dak li qal PC525 li meta wasslu l-ghassa membri tal-familja tal-imputat qalulhom li Scerri kellu kazijiet ohra simili ghax *"taqbizlu malajr"* u semmew ukoll li kien taht probation ghax bezghu li issa jingieb bi ksur ta' dik l-ordni. In kontro-ezami jispjega kif l-imputat *"qabez fuq il-karregjata l-ohra, qabez karozzi weqfin, qabez fuq il-karregjata l-ohra continuous white line bil-karozzi gejjien sintendi biex jaqbez lill-kulhadd...bil-karozzi gejjien min-naha l-ohra".*[21] Il-pulizija li kienet uzat il-*beacon lights* u s-sirena, segwietu. L-imputat wara li saq ghal diversi metri tul ta' tlett xarabanks u meta ra li ma kellux iktar fejn immur, tefgha l-vettura ghal mal-genb. Mwaqqaf huwa ammetta li kien fl-izball u qallhom sabiex jekk ghandhom iharrkuh dan jaghmluh ghax kien mghaggel fuq xoghol.[22] Jixhed li hekk kif l-imputat tah l-*identity card* hu rah ir-roach u rah jaqbad ir-roach, jaghmel idu ponn biex jahbieh. Kien f'dan il-

[16] Fol.86
[17] Fol.88
[18] Fol.89-90
[19] Fol.91
[20] Fol.120
[21] Fol.93
[22] Fol.94

mument li talbu johrog mill-vettura u l-imputat hareg u ramieh[23] *"Ramieh ovvjament rajtu jien jarmieh…Ghamilha sfaccatament f'wicci…Li ngharrfu minn roach ghal sigarett… ."* Ghalhekk gew elevati l-*ashtray* u ir-*roach* u kif ra hekk talabhom jistghux jaghlqu ghajnejhom [ghal di nit-transgressjoni] fost hafna ghajjat u insulti.[24] PC 1503 jerga jikkonferma dak li qal PC525 li waqt li kienu fuq il-post l-imputat ma lmentax minn xi ugigh.

Maria Mifsud li assistiet ghal l-incident tixhed kif rat il-pulizija jwaqqfu persuna, jnizzluha minn gol-vettura u bdew ikellmuh. Hi ma kienet rat ebda vjolenza izda semghet biss ghajjat. [25] Francis Cassar[26] li ghandu garaxx fi Triq il-Belt il-Hazna, l-Marsa, jixhed li ra il-pulizija ghaddejjin iwaqqfu bniedem biex ikellmuh quddiem il-garaxx tieghu. Qalulu biex jinzel mill-vettura *"U nizel hu u dan, u beda jaghmel naqra resistenza, u l-pulizja qallu oqghod kwiet, oqghod kwiet, oqghod kwiet, u ma rajt xejn izjed….ghamel rezistenza bi kliem …..imbaghad niezel u tkellmu."* Jiddikjara li ma rax lill-pulizija jsawwtu lil din il-persuna jew xi glied iehor u gharaf lil din il-persuna bhala l-imputat.

L-espert Godwin Sammut pprezenta r-rapport tieghu fejn irrizulta li dak li kien gie elevat u cioe' irmied u sigarett mibrum kien posittiv ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* li tigi mill-pjana tal-kannabis u hi kontrollata bil-ligi taht it-Taqsima 8 artiklu 8 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.[27]

Il-Probation Officer Charlotte Tabone Fabri tixhed li wara test li sar fit-3 ta' Novembru, 2015, l-imputat kien irrizulta negattiv ghas-sustanzi kollha nkluz ghal cannabis.[28] Dan l-andament posittiv inzamm hekk kif jirrizulta mir-rapport pprezentat nhar is-17 ta' Mejju, 2016.[29]

lIli dwar ir-reati li qed jigi akkuzat bihom l-imputat irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn iz-zewg reati previsti bl-artikolu 95 u 96 tal-Kapitolu 9, ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha. Ir-reat taht l-artiklu 91 tal-Kapitolu 9 jigi kkunsidrat aktar il-quddiem.

"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

---

[23] Fol.97
[24] Fol.96, 98
[25] Fol.137
[26] Fol142 -145
[27] Dok.GS Fol.167
[28] Fol.161
[29] Fol.183

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi l-artikolu 96, imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) –*

*"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*"

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi l-ufficjali tal-pulizija involuti f'dana l-incident agixxew sabiex izzommu il-buon ordni fit-toroq taghna billi jigu nfurzati r-regolamenti tat-traffiku. Minn hemmhekk inholoq is-suspett dwar reati ta' pussess ta' sustanzi illeciti. Ghalhekk kienu qed jezegwixxu l-ligi billi jaghtu dawk l-ordnijiet mehtiega sabiex l-ligi tigi mharsa u investigat kwalunkwe suspett ta' reat. L-imputat minflok obda l-ordnijiet tal-pulizija ghazel li jhebb ghall-pulizija, u jattakkahom billi xejjrilhom daqqiet ta' ponn u ta' sieq u pprova jigdem wiehed minnhom u dan fl-istess waqt li jehddidhom u jinsultahom ghal xejn b'xejn. Fil-fatt jirrizulta li l-pulizija involuti sofrew griehi ta' natura hafifa u dana kif iccertifikat minn Dr Christian Zammit u Dr Tania Cardona.[30]

Illi ghal dawn il-motivi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje ta' dana il-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost tal-artikli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 u allura ser tinsab htija ghar-rigward tat-tieni u tat-tielet akkuzi.

Illi l-akkuzi dwar l-offiza ta' natura hafifa u dik kontravvenzjonali ai termini tal-artiklu 338(ee) tal-Kapitolu 9 huma assorbiti fit-tieni akkuza u cioe` dik ai termini tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9, u dak fuq insenjament tal-Qrati taghna fejn ghalkemm ma hemm ebda disposizzjoni dwar il-materja tal-konkors tar-reati fil-ligi taghna, fil-Kodici Kriminali nsibu biss disposizzjoni dwar il-mod kif ghandha tigi applikata l-piena f'kazijiet partikolari. Però, ghalkemm il-Kodici Kriminali taghna ma jittrattax il-konkors formali tad-delitti, il-Qrati taghna f'diversi kazi dahlu fil-fond fid-dottrina relattiva. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-Decizjoni Preliminari fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Vincent Debono**,[31] iccitat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, fl-ismijiet "**Rex v. Giovanni Simler et.**" [11.03.1921 – Kollez. XXIV.iv.910] fejn dik il-Qorti rriteniet li wiehed irid joqghod attent li ma jikkonfondix:

> "…l'esistenza di un concorso reale di delitti con la determinazione concreta della pena a cui assoggettarsi colui che ne sia reo, poichè altrimenti si correrebbe rischio di spostare la quistione dall'orbita delle responsabilità del reo in quella della applicazione della pena:…".

Kif irriteniet il-Qorti fic-citata sentenza, l-artikolu 19(h) [illum 17(h)] tal-Kodici Kriminali ghandu jigi kkunsidrat biss fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-piena fil-kaz ta' *"pluralità di lesioni unite fra esse da rapporti di mezzo a fine",* fejn il-ligi

[30] Xhieda Fol.108, 120-121
[31] 25 ta' Jannar, 1983

taghna adottat is-sistema segwit fil-Kodici Penali Franciz ta' l-assorbiment, in kontraposizzjoni ta' sistemi ohra, cioè dak tal-kumulu tal-pieni li ghalihom ikunu soggetti d-diversi reati, u dik tal-kumulu guridiku, jigifieri l-kumulu materjali imma ridott.

Illi fis-sentenza msemmija, "**Rex v. Giovanni Simler et.**", wara li titkellem dwar l-insenjament ta' awturi bhal Carrara, Pessina, Roberti u Carmignani li kienu jsostnu illi *"quando più lesioni giuridiche separabili sono unite tra loro con vincolo di mezzo a fine si ha un solo reato"* il-Qorti tkompli tghid li din it-teorija llum hija kontestata minn kriminalisti bhal Impallomeni li jghallem illi jista' jaghti l-kaz li *"un delinquente con unica obiettività ideologica violi due diritti, e nonostante tra le due violazioni vi sia il rapporto di mezzo a fine, esse diano luogo a due obiettività materiali e a due obiettività giuridiche".* Tkompli l-istess sentenza, però, li lanqas ma huwa korrett jinghad li fil-kaz ta' izjed minn reat wiehed *"unite fra loro con nesso di mezzo a fine"* hemm dejjem tant reati daqs kemm hemm vjolazzjonijiet tal-ligi, ghax, jista' jaghti l-kaz li zewg lezjonijiet ikunu tant intimament konnessi *"da formare un tutt'uno in maniera che non possa compiersi l'una senza compiere l'altra",* u allura f'dan il-kaz ikollna reat uniku.

Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza "**Ir-Repubblika v. Leli sive Emanuel Buttigieg**" [23.03.1979] li segwiet il-principji ta' diversi decizjonijiet ohra in materja, fosthom "**Rex v. Giovanni Simler et**."., dan jigri meta z-zewg lezjonijiet ikunu inseparabbli, b'mod li ma tistax issir wahda minghajr ma ssir l-ohra, u din l-inseparabbilità jehtieg li tkun naturali jew guridika, *"u mhux semplicement accidentali, ossija kawzata mill-kalkolu ossija l-malizja ta' l-akkuzat innifsu".*

Gie deciz ukoll li-

**"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali :** "Camilleri vs. Cilia et." **[2.12.1839];** "Il-Pulizija vs. Cachia" **[10.12.1939];** "Il-Pulizija vs. Pace" **[28.1.1939] u ohrajn.) ................Illi minn dan jidher li f' dan il-kaz jista' jkun hemm lelementi kollha li trid il-gurisprudenza biex japplika lprincipju tal-assorbiment meta minn fatt wiehed w uniku johorgu zewg reati w dan stante l-konkors formali ezistenti bejn iz-zewg reati li bihom gie akkuzat l-appellant."**[32]

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Il-Pulizja vs Sean Sinclair Pace** li tratta reati simili ghal dawk li jinsab akkuzat bihom l-imputat odjern:[33]

---

[32] **Il-Pulizija vs Jacques Cassar**, App. Kriminali Nru. 212/2004; 6 ta' Jannar, 2005, Onor. Imhallef Joseph Galea Debono

[33] Appell Nru. 519/2015, Deciz 26.05.2016. Onor Imhallef Dr Edwina Grima.

"Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici Penali Taljan tal-1889:
"***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."[34]***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi, iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[35]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.***

***But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152)."...........***

Kif gie deciz b'analogija mal-att ta' l-akkuza:

"**Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati.**"[36].

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati kemm dawk kontravvenzjonali kif ukoll dak ta'l-offiza hafifa fuq il-persuna tal-kuntistabbli Cilia u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-konfront tas-surgent Christopher Ellul. Kwindi

---

[34] Fid-decizjoni preliminari citata, rigward is-sentenza fl-ismijiet "**Rex v. Rosaria Portelli**" [23.02.1904 – Kollez. XIX.iv.1], il-Qorti rriteniet li din ma tistax jinghata piz preponderanti, sija in vista tal-konkluzjonijiet ohra li waslu ghalihom il-Qrati taghna f'decizjonijiet sussegwenti, u sija, principalment, ghax ir-*ratio decidendi* f'dik is-sentenza kien ispirat u koncentrat l-aktar fuq il-kwistjoni tan-*ne bis in idem.*
[35] **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012
[36] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** – 11/01/1994 App.Sup

stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti gie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-kaz kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li gew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.".

Illi, imbaghad, ir-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuza ma issibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. L-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 91 tal-Kapitolu 9, u cioe` illi bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandu x'jaqsam mal-kariga tieghu. Dana ifisser illi biex jissusisti dana ir-reat l-uffijcal pubbliku irid jigi imgieghel permezz ta' vjolenza jew ta' theddid, jaghmel jew ma jaghmilx xi haga kontra l-volonta tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-imputat dana ma ghamlux. Ma hemmx prova illi l-imputat kellu xi intenzjoni illi igieghel lill-pulizija li waqqfuh jaghmlu xi haga kontra ir-rieda taghhom. Il-vjolenza inflitta mill-imputat fil-konfront ta' dawn l-ufficjali ma gietx adoperata b'din l-intenzjoni, izda x'aktarx kienet frott tas-sahna tal-mument u tal-paniku tieghu li galadraba instab ir-*roach* hu kien ser jispicca jigi akkuzat li kiser il-*probation order* fuqu imposta.

Illi r-rapport tal-espert Godwin Sammut ma jhalli ebda dubbju dwar jekk ghandhiex tinstab htija fuq is-seba akkuza. Jirrizulta ampjament li l-imputat kellhu fil-pussess tieghu sustanza derivata mill-pjanta Cannabis u ghalhekk qed tinstab htija anke fuq din l-akkuza. Il-Qorti hi tal-fehma izda, li fic-cirkostanzi ghandu japplika l-artiklu 4 tal-Att huwa l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tqis li ma hemmx dubbju li l-imputat huwa hati ta' sewqan perikoluz hekk kif jixhdu l-istills esebiti a fol. 45 u tenut kont tax-xhieda ta' PC 1503 Buhagiar: *"...t-triq ma tippermettix li taghmel overtaking u tigi ezatt go wicc tat-traffic dirett...u mar wrong side iva."*[37] u PC525 Cascun: *"qabez fuq il-karregjata l-ohra, qabez karozzi weqfin, qabez fuq il-karregjata l-ohra continuous white line bil-karozzi gejjien sintendi biex jaqbez lill-kulhadd...bil-karozzi gejjien min-naha l-ohra....Sejrin lejn il-Marsa kien hemm serbut karozzi wieqaf u minn naha l-ohra kienu gejjien xi karozzi ukoll."*[38]

Illi l-akkuzi ta' sewqan traskurat u bla kont inghataw bhala alternattivi ghas-sewqan perikoluz li qed tinstab htija dwaru u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, filwaqt li l-vjolazzjonijiet ai termini tar-regolamenti 75 u 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Ligi Sussidjarja 65.11, ghandhom jitqiesu assorbiti fl-akkuza ta' sewqan perikoluz.

---

[37] Fol.77
[38] Fol.93

Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-4 ta' Mejju, 2011, fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta li l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati ta' l-imputat odjern; inoltre` ingabet il-prova tal-identita' permezz tal-Ispettur Arthur Mercieca. Infatti jirrizulta li l-imputat, permezz ta' din is-sentenza, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati tar-reati addebitati u tpogga taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputat kisser tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghad-9 ta' Lulju, 2013, u ghalhekk fit-terminu operattiv tas-sentenza. Ghalhekk il-hdax l-imputazzjoni giet ippruvata. Din il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawk il-proceduri l-imputat kien gie akkuzat b'reati kwazi ghal kollox identici ghall-akkuzi odjerni, u cioe` talli fid-19 ta' Marzu, 2011 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija, gewwa z-Zejtun (i) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titiqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku w cioe' PC1139 C. Cassar, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, (ii) ingurja, hedded u ghamel offiza fuq PC1139 C. Cassar persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagheml dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (iii) saq vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba li kien that l-influwenza ta' alcohol jew drogi; (iv) naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija, (v) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, u (vi) li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9, Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja. Bhala piena l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija f'dawk il-proceduri.

Illi inkwantu ghall-piena rigward l-akkuzi odjerni, din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija wahda li tohloq preokkupazzjoni kbira ghal din il-Qorti. Jirrizulta li l-imputat ghandu diversi kundanni kemm fuq pussess ta' droga, glied, serq, hsara volontarja u numru konsiderevoli ta' rezistenza fuq ufficjali pubblici. Jirrizulta li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna biex ifittex l-ghajnuna u jibdel hajjtu izda huwa ovvju li hu ghazel li jarmi dawn l-opportunitajiet. Ghalhekk din il-Qorti tqis li m'ghandhix alternattiva hlief li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 95, 96,[39] 221, 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsima III u VI, l-artikoli 8(d), 22(1)(a) tal-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi, Kapitolu 101, tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (L.S.101.02), l-artiklu 15(1)(a), (2) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artiklu 4(1)(2) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti numri 75 u 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur L.S. 65.11, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah ghal tlettax il-xahar prigunerija, hlas ta' €100 penali, w tordna li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur minn dik id-data li jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija effetiva imposta fuqu.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tal-hdax l-imputazzjoni, u cioe` li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tal-4 ta' Mejju, 2011, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Ghalhekk wara li regghat rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, 221, 338(dd), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15A u 15H tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta' ghaxar xhur u multa ta' €1,200 w tordna li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur minn dik id-data li jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija effettiva imposta fuqu. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

[39] Il-piena applikabbli kienet dik vigenti qabel l-emendi bl-Att V tal-2014.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat minnufih jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex l-imputat ikompli jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni, kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika li jinhtieg biex jeghleb l-aggresivita` tieghu, waqt li qed jiskonta l-piena moghtija lilu.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €156.17c rapprezentanti spejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**